Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2387

Kaz Numru 3161/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Jean Sebastian Beets

U

S4L Group Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

Illum 11 ta' Mejju 2015

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 23 ta' Settembru 2013 mill-Avukat Dr. Carmelo Galea li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Jean Sebestian Beets fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Jean Sebestian Beets maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Carmelo Galea u ghall-Kumpanija S4L Group Limited deher Jonathan Burgess assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem ma S4L Group Limited liema kumpanija tispecjalizza f'reklutagg ta' impjegati. Il-principal tieghu hajru jmur jahdem f'kumpanija ohra taghhom gewwa d-Dubai u qalulu sabix jifferma kuntratt gdid bi perjodu ta' probabtion.

Illi meta kien fl-ajruport gewwa Malta sejjer lejn Dubai ircieva telefonata fejn l-impjieg tieghu gie terminat.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha s-socjeta appellata ddikjarat illi dan it-Tribunal ma ghadhiex kompetenza tiddeciedi dan il-kas u di piu l-appellant kellu diversi problemi fuq ix-xoghol inkluz fil-kwalita tax-xoghol u li kien jixrob.

**PROVI**

Xehed Jean Sebastian Beets b'affidavit fejn irribadixxa l-avvenimenti li s-socjeta indikat bhala ragunijiet ghat-tmien tal-imjieg tieghu kif ukoll ssotometta t-talba tieghu dwar commissions u arretrati u affarijiet ohrajn.

Xehed joseph Saliba fejn irrpoduca x-xhieda tieghu bi-miktub dwar l-impjieg tal-appellant fejn gie indikat li l-appellant hadem mas-socjeta intimata sa 23/08/2013

Xehed Jonathan Burgess fejn qal li il-kumpanija appellata ma ghandhiex x'taqsam mat-terminazjoni tal-impjieg tal-appellant. Dik saret mill-kumpanija ta' Dubai. Ghalkemm hemm l-istess diretturi u jaghmlu l-istess xoghol dawn huma zewg kumpanija differenti. Ukoll ix-xhud qal li minn Dubai tterminawlu l-impjieg pero minhabba incidenti li sehhew Malta. Spjega li kien hem problema mas-sid id-dar tal-appellant u dahlu fiha l-pulizija u gew fuq il-post tax-xoghol u din kienet sitwazzjoni embarazzanti.

Xehed Michael Leonard fejn qal li huwa direttur fil-kumpnaija intimata li sservi bhala back up office ghal kumpnija ta' Dubai waqt li l-kumpnija ta' Dubai hija tieghu kollha. L-appellant iffirma mal-kumpnija ta' Dubai fil-23 ta' Lulju 2013. Ix-xoghol li l-appellant kellu jaghmel kien li jkun bir-rcruitment function gewwa Dubai. Spjega li r-raguni tat-terminazzjoni kienet ukoll illi l-appellant kellu performance batuta gewwa Malta, kien sejjer go kumpanija d-Dubai u ma riedux gewwa Dubai ghax il-peformance gewwa Malta kienet batuta.

Xehed bl-avvidavit Heath Bartmanis fejn qal li Leoanrd huwa bully u trattah hazin. Ukoll qal li l-appellant huwa bniedem serju

Xehed Jean Sebastian Beets fejn qal li kien suggerit lilu li jahdem gewwa Dubai.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li ser jagti decizzjoni wahda anki tal-eccezzjoni tal-kompetenza. It-Tribunal jghid li qieghed jemmem il-verzjoni tal-appellant. Tant hu hekk illi ghar-ragunijiet tat-terminazzjoni tal-kumpamija fid-Dubai semmew ix-xoghol tieghu gewwa Malta waqt li kien qieghed jahdem mal-kumpnija gewwa Malta. Hawn juri bic-car l-intenzjoni tad-diretturi li jingannaw lill-appellant billi jaccetta impjieg mal-kumpnaija gewwa Dubai u meta l-anqas telaq minn Malta. Din hija abbuz tal-Ligi u zgur li tattici bhal dawn mumiex accettabbli. Hija ingusta li twebbel persuna jifferma kuntratt ta' xoghol ma kumpnija ohra u meta tixhed u tghid li gja kellhek l-intenzjoni li tkeccieh ghax ma sabtux tajjeb fl-impieg li kellu Malta. Jigifieri dan l-impjegat gie ingannat li ser jibda xoghol gewwa Dubai u gie imgieghel jifferma kuntratt ta' impjieg, gie imieghel jaccetta t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn Malta u ma ridux jidhlu f'raguni tat-tkeccija. Din hija illegali kif ukoll fl-opinjoni tal-Tribunal jikkonsisti fi frodi ghax gie muri haga u saret haga ohra b'hekk sar ingann. Dawn it-tattici legali huma ta' minn jistmerrhom. Wiehed jippretendi ahjar mill-kumpanija specjalemnt li qiegehd tahdem fil-kamp tar-recruitment. Haga tal-misthija. Jekk ma kinetx kuntenta bil-performanca tal-appellant imissu gie imkecci u mhux jidhol f'din il-mexxa in scena dwar imjiegh barra minn Malta.

It-Tribunal ihoss ghalhekk li ghandu kompetenza jiddeciedu dwar il-kaz tat-tkecija kif ukoll jiddeciedi illi l-kaz tat-tkeccija ingusta li ma gietx ippruvata u qieghed jikkundanna lis-socjet appellata talli kecciet u mmanuvrat sabiex jitkecca minghajr raguni valida fil-Ligi. It-terminazzjoni saret fil-fit-23 ta' Awissu 2013 u dan jirrizulta mir-records tal-ETC u l-appellant gie infurmtat it-23 ta' Awissu li l-impjieg tieghu gie terminat mill-kumpanija ta' Dubai meta jirrizulta illi sat-23 ta' Awissu 2013 kien ghadu impjegat tal-kumpnija appellata. Jigifieri qatt ma seta jigi terminat mill-kumpnija ta' Dubai ghax fit-23 ta' Awissu 2013 kien ghadu impjegat mal-kumpnija ta' Malta jigifieri l-kumpanija appellata. Dan juri t-tahwid car li d-diretturi kellhom f'mohhom sabiex akkostt ta' kollox jitterminaw l-impjieg tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jikkonkludi u jiddeciedi illi t-tkeccija mill-impjieg tal-appellant kienet wahda bla raguni gusta.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li Sebastian Beets gie mkecci ingustament.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jilqa dan l-appell u jornda lis-socjeta S4L Group Limited thallas is-somma ta' erbghin elf euros (euros 40,000) li jirraprezenta l-commission mhux imhallsa, l-pagi dovuti, leave li ma hax, il-bonus tal-Gvern li ma hax, n-notice money u kumpnes tat-tkeccija ingusta bl-ispejjes kontra l-istess socjeta intimata.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju